**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 21 – IT-TNEJN, 20 TA' LULJU 2020 FIL-5.35pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 20

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Is-Sur Joe Aquilina ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 20

2.1 Ma kienx hemm punti mtella.

## 3 Pagamenti Numru 22

3.1 Is Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-kunċert li ser jorganizza l-Kunsill fl-20 ta' Awwissu 2020. Kienu wkoll diskussi l-ispejjeż li hemm marbutin ma' dan il-kunċċrt li jinkludu, stage, dawl u sound li jammontaw għal 20,000 Euro, il-kantanti minn barra li ser jiswew 9,000 Euro, akkomodazzjoni u flights għal

kantanti, aspetti tal-health and safety bħal security, risk assessment, first aiders u oħrajn.

## 5 Korrispondenza

5.1 Dwar l-interviews għal post ta' Driver mal-Kunsill, kien hemm qbil li l-Bord jikkonsisti minn Trevor Fenech, Dominic Cassar u Tania Borg flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

5.2 Kien hemm qbil li ma napplikawx għal lifelong learning.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa ma' rappreżentati tal-Aġenzija Sapport. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaħdem mas-Sapport biex il-klijenti tagħhom iżuru l-lokal tagħna għal divertiment.

5.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-PCRB tat raġuni lill-Kunsill għall-appelli li kien hemm fuq it-tender tal-knis. Issa hemm perjodu ta' 21 ġurnata biex jista' jsir appell bil-Qorti.

5.5 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex isiru central barriers fi triq li tagħti għas-Swieqi minn Wied Għomor. Kien hemm qbil li din tiġi diskussa aktar tard.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex isir żbir fi Triq ir-Rummien u titneħħa siġra li hija mejta minn Triq Akaċja. Għandu jiltaqa' mal-ġardinar biex jurih liema hi din is-siġra. Hu talab li l-karozza tal-Kunsill tinżamm nadifa.

6.2 Is-Sinjura Tania Borg staqsiet jekk Triq iċ-Ċiklamini għandhiex issir One way. Ma kienx hemm qbil li din issir.

6.3 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li hemm terrapin mitfuħ fejn il-Knisja tal-Propostru. Dan għandu jitneħħa meta jibda x-xogħol fuq il-ġnien li ser isir hemm.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Trevor Fenech**<br>**Sindku** |